

Grupp ta' Studju tal-KESE dwar
l-Immigrazzjoni u l-Integrazzjoni

# Proġett dwar ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-iżgurar tal-integrazzjoni tal-migranti u r-refuġjati

RAPPORT TA' MISSJONI – MALTA
23-24 TA' OTTUBRU 2019

Kumitat Ekonomiku
u Soċjali Ewropew

**Rapport tal-missjoni – Malta, 23 u 24 ta' Ottubru 2019**

*Bejn Ottubru 2019 u Marzu 2020, il-Grupp ta' Studju Permanenti dwar l-Immigrazzjoni u l-Integrazzjoni wettaq ħames missjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni bħala parti minn proġett dwar ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-iżgurar tal-integrazzjoni tal-migranti u r-refuġjati. Id-delegazzjoni għal Malta kienet magħmula minn Stefano Mallia (Malta, Grupp ta' Min Iħaddem), Philip von Brockdorff (Malta, Grupp tal-Ħaddiema) u Cristian Pîrvulescu (ir-Rumanija, Grupp Diversità Ewropa), appoġġjati minn Triin Aasmaa, mis-Segretarjat tal-KESE.*

## 1. L-għan tal-missjoni

Bejn Ottubru 2019 u Marzu 2020, il-Grupp ta' Studju Permanenti dwar l-Immigrazzjoni u l-Integrazzjoni wettaq ħames missjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni bħala parti minn proġett dwar ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-iżgurar tal-integrazzjoni tal-migranti u r-refuġjati. Iż-żjarat tal-pajjiżi pprovdew stampa dettaljata tal-problemi u l-aħjar prattiki, iddokumentati f'rapporti individwali tal-pajjiżi. L-għan tal-ħames rapporti tal-pajjiżi huwa li jikkontribwixxu għal rapport ta' sinteżi li jippreżenta s-sejbiet, il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet ewlenin tal-proġett.

Dan il-proġett huwa marbut ma' proġett preċedenti tal-KESE dwar il-migrazzjoni: ħdax-il missjoni ta' ġbir ta' informazzjoni tal-KESE dwar il-migrazzjoni li twettqu fl-2015 u l-2016. Dawn l-aħħar missjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni saru fl-Istati Membri li saritilhom żjara wkoll fl-2015 u l-2016, jiġifieri l-Greċja, Malta, l-Iżvezja, il-Ġermanja u l-Bulgarija[1].

Matul il-missjonijiet, id-delegazzjoni qabblet is-sitwazzjoni fil-ħames pajjiżi mas-sitwazzjoni kif kienet tliet snin ilu, u tkellmet ma' organizzazzjonijiet li ltqajna magħhom fiż-żjara preċedenti biex tara jekk il-proġetti tagħhom kinux għadhom għaddejjin, jekk dawn kinux kibru u żdiedu fl-iskala tagħhom, jekk il-problemi identifikati qabel kinux ġew megħluba u kif, u x'kienu, il-ħtiġijiet u l-isfidi attwali. Fejn meħtieġ, id-delegazzjonijiet iltaqgħu wkoll ma' organizzazzjonijiet oħra, u taw attenzjoni speċjali lill-miżuri li jindirizzaw gruppi partikolari li jistgħu jkunu aktar diffiċli biex jiġu integrati fis-suq tax-xogħol (eż. nisa, migranti minn pajjiż ta' oriġini speċifiku, migranti bi sfond edukattiv speċifiku u migranti b'diżabilità). Il-proġett ipprova jidentifika prattiki tajbin biex jara jekk jistgħux jiġu replikati xi mkien ieħor, inklużi dawk li jgħinu biex jibdlu b'mod pożittiv in-narrattiva dwar il-migrazzjoni.

## 2. Is-sitwazzjoni f'Malta

### Is-sitwazzjoni ġenerali

Il-wasliet tal-migranti u r-refuġjati f'Malta mill-2015 sas-sajf tal-2018 kienu prinċipalment wasliet regolari. Minn Ġunju 2018 'l hawn, il-wasliet tal-migranti u r-refuġjati bil-baħar żdiedu b'mod sinifikanti. Skont id-data tal-UNHCR, fl-2016 u l-2017 kien hemm madwar 25 wasla bil-baħar bid-dgħajjes, li laħqu l-1445 fl-2018 u kważi rduppjaw fl-2019 għal 3406. Filwaqt li l-maġġoranza tal-

[1] Kien ippjanat li ssir ukoll is-sitt żjara ta' ġbir ta' informazzjoni fl-Italja, iżda kellha tiġi kkanċellata minħabba l-kriżi tas-saħħa tal-COVID-19.

persuni jibqgħu u jitolbu l-asil f'Malta, madwar 1000 persuna salvati fuq il-baħar ġew trasferiti f'pajjiżi oħra tal-UE wara ftehimiet ad hoc bejn l-Istati Membri tal-UE.

F'dawn l-aħħar snin, il-popolazzjoni tar-refuġjati kienet magħmula prinċipalment minn refuġjati Libjani, Sirjani u Somali. F'Settembru 2019, l-għadd totali tal-migranti internazzjonali f'Malta kien ta' 84°900, madwar 19 % tal-popolazzjoni totali.

Iż-żjara saret fi żmien diffiċli. Il-kundizzjonijiet fiċ-ċentri ta' akkoljenza Maltin komplew imorru għall-agħar, minħabba l-popolazzjoni eċċessiva u n-nuqqas ta' riżorsi. Il-kwistjonijiet jinkludu nuqqas ta' tindif, aċċess diffiċli għall-kmamar tal-banju, ilma sħun limitat ħafna, u arja kkundizzjonata u tisħin mhux disponibbli. Dan wassal għal tensjonijiet li laħqu l-qofol tagħhom fl-irvellijiet f'Ottubru 2019 fiċ-ċentru ta' akkoljenza ewlieni tal-gżira. Ġie stmat li kienu involuti 300 resident u 107 persuni ġew arrestati. Uħud mill-uffiċjali tal-pulizija sfaw xi ftit midruba, għadd ta' karozzi nħarqu u xi wħud mill-binjiet taċ-ċentru ġarrbu ħsara sostanzjali. Dawn l-inċidenti wasslu għal reazzjonijiet qawwija mill-atturi kollha involuti fil-qasam.

**Integrazzjoni**

Malta adottat l-ewwel strateġija ta' integrazzjoni tagħha, Integrazzjoni = Appartenenza, f'Diċembru 2017. Din l-Istrateġija għall-Integrazzjoni tal-Migranti toħloq qafas għall-fehim tal-integrazzjoni permezz tas-sens ta' appartenenza tal-migranti stess għas-soċjetà Maltija. Huwa biss relattivament reċenti li Malta saret pajjiż ospitanti mil-lat tal-flussi migratorji u għalhekk qed issir dejjem aktar diversa etnikament, kulturalment u lingwistikament. L-Istat irid imexxi kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar it-tisħiħ tal-fiduċja, isaħħaħ ir-rwol ta' integrazzjoni tal-Uffiċċju ta' Kollegament tas-Saħħa tal-migranti, joħroġ liċenzji tal-impjieg li jkunu ugwali fit-tul għall-validità taċ-ċertifikati tal-istatus ta' refuġjat u jiżviluppa fond ta' integrazzjoni lokali. Il-pubblikazzjoni tal-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni ntlaqgħet tajjeb mis-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet internazzjonali.

L-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u l-awtoritajiet lokali jistgħu japplikaw għall-finanzjament permezz ta' diversi fondi. Il-Fond tal-UE għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) huwa l-aktar wieħed importanti mil-lat ta' baġit.

Barra minn hekk, fondi nazzjonali u privati huma disponibbli għall-forrnituri tas-servizzi u partijiet ikkonċernati oħra biex iwettqu proġetti li għandhom l-għan li jtejbu l-integrazzjoni tal-popolazzjoni tal-migranti.

## 3. Deskrizzjoni tal-laqgħat

### a. Il-Kamra tal-Kummerċ, Intrapriża u Industrija ta' Malta (Il-Kamra tal-Kummerċ)

Id-delegazzjoni tal-KESE ltaqgħet ukoll mal-Kamra tal-Kummerċ, Intrapriża u Industrija ta' Malta matul il-missjoni preċedenti fl-2016. Dak iż-żmien, waħda mill-konklużjonijiet kienet li l-impjegaturi Maltin ma kinux infurmati tajjeb ħafna meta jiġu biex jimpjegaw lill-migranti, għalkemm kien hemm ħtieġa ċara għal ħaddiema barranin f'setturi speċifiċi tal-ekonomija. Din id-darba, il-membri ġew

infurmati li l-involviment tal-impjegaturi fl-integrazzjoni tal-migranti u r-refuġjati kien għadu pjuttost limitat.

F'Malta, hemm nuqqas sinifikanti ta' ħaddiema. L-impjegaturi huma interessati li jimpjegaw lill-migranti iżda n-nuqqas ta' informazzjoni u l-burokrazija qed jiskoraġġihom milli jagħmlu dan. Dan ħoloq sitwazzjoni fejn ħafna migranti u refuġjati huma impjegati permezz tas-suq illeċitu, pereżempju fis-settur tal-kostruzzjoni. Prattika komuni iżda illegali hija li r-refuġjati jistennew barra ċ-ċentri ta' akkoljenza kmieni ħafna filgħodu biex jinġabru minn kumpaniji li jiġu biex ifittxu ħaddiema għal ġurnata.

Il-Kamra tal-Kummerċ wettqet proġett fejn ippruvat issib impjiegi għall-migranti. Madankollu, kien hemm diffikultajiet biex jitqabblu n-nies u l-impjiegi, peress li l-ħiliet tal-migranti ma kinux jikkorrispondu mal-impjiegi offruti. Għalhekk, huma meħtieġa mekkaniżmi ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet. Kien hemm ukoll każijiet ta' persuna li għandha l-ħiliet it-tajba iżda li ma rċevitx liċenzja tal-impjieg. Il-Kamra tal-Kummerċ kienet f'kuntatt bilaterali ma' xi NGOs iżda dawn l-iskambji mhumiex organizzati sistematikament. Kien hemm tentattivi ta' kooperazzjoni ma' xi NGOs dwar l-integrazzjoni tal-migranti fis-suq tax-xogħol iżda dan ma wassal għall-ebda progress.

Sabiex tingħata spinta lill-integrazzjoni tal-migranti fis-suq tax-xogħol, jeħtieġ li tiġi stabbilita struttura għall-identifikazzjoni tal-ħiliet tagħhom, li tipprovdi informazzjoni trasparenti u komprensiva aċċessibbli għall-impjegaturi u proċeduri amministrattivi ċari, u li tiżgura li dawn il-persuni jkollhom liċenzji tal-impjieg. Il-Kamra enfasizzat li qabel ma tkun tista' taġixxi bħala sensar bejn l-impjegaturi u partijiet interessaati oħra, hemm bżonn ta' struttura adatta għall-integrazzjoni tal-migranti fis-suq tax-xogħol.

### b. L-Uffiċċju ta' Kollegament tas-Saħħa tal-Migranti

L-Uffiċċju ta' Kollegament tas-Saħħa tal-Migranti twaqqaf fi ħdan id-Dipartiment tas-Saħħa Primarja fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa fl-2008. Migranti minn sfondi kulturali differenti ta' spiss ma jkunux familjari mas-sistema tal-kura tas-saħħa tal-pajjiż ospitanti u ma jkunux jafu kif, meta u fejn ifittxu l-għajnuna. L-ostakli tal-lingwa jistgħu wkoll ifixklu l-użu tas-servizzi tas-saħħa. Id-diversità kulturali fil-kura tas-saħħa toħloq sfida għall-fornituri tas-servizzi li jeħtieġu jiġġestixxu differenzi kumplessi fl-istili, l-attitudnijiet u l-aspettattivi tal-komunikazzjoni. Pereżempju, l-ispjegazzjoni tal-kawżi tal-mard u l-interpretazzjoni tas-sintomi jistgħu jkunu problematiċi ħafna.

L-Uffiċċju ta' Kollegament tas-Saħħa tal-Migranti jipprovdi servizz ta' medjazzjoni kulturali (interpretu) fiċ-ċentri tas-saħħa. Hemm programm ta' taħriġ ta' 20 siegħa għall-medjaturi kulturali fil-kura tas-saħħa. Il-medjaturi kulturali, li għandhom sfond ta' migrazzjoni huma stess, jgħinu lill-professjonisti tas-saħħa u lill-klijenti jegħlbu l-ostakli lingwistiċi u kulturali. Mill-2009 'l hawn ġew imħarrġa madwar 250 medjatur kulturali. Ir-rwol tal-medjaturi kulturali jista' jkun aktar rikonoxxut mit-tobba u l-professjonisti tal-kura tas-saħħa, sabiex b'mod regolari jitolbu li jkun involut medjatur kulturali fil-kura ta' pazjent migrant jew refuġjat.

L-Infermier tal-Prattika Transkulturali jagħti sessjonijiet ta' edukazzjoni dwar is-saħħa lill-migranti, l-aktar lin-nisa fiċ-ċentri ta' akkoljenza. L-irġiel fil-biċċa l-kbira tagħhom ikunu qed ifittxu xogħol jew

jaħdmu. Is-suġġetti huma prinċipalment is-saħħa sesswali u riproduttiva, in-nutrizzjoni, is-saħħa tat-tfal, eċċ. Jiġu pprovduti sessjonijiet speċjali għall-minorenni mhux akkumpanjati.

Problema ewlenija f'Malta hija t-traffikar tal-bnedmin. Hemm it-traffikar tax-xogħol, ix-xogħol furzat fil-fabbriki, is-servitù domestiku u l-isfruttament sesswali. L-Uffiċċju ta' Kollegament tas-Saħħa tal-Migranti jipprovdi sessjonijiet ta' taħriġ dwar kif jiġi evitat li persuna ssir vittma tat-traffikar tal-bnedmin. Ġie ppubblikat ktejjeb bl-Ingliż sempliċi ħafna sabiex ikun hemm sensibilizzazzjoni dwar it-traffikar tal-bnedmin u dwar kif għandu jiġi rikonoxxut il-periklu li wieħed isir vittma. Jiġu offruti wkoll sessjonijiet għall-ħaddiema soċjali, il-professjonisti tas-saħħa u kull min jaħdem mal-migranti dwar kif tiġi identifikata u protetta vittma tat-traffikar tal-bnedmin.

Il-kooperazzjoni ma' atturi differenti hija tajba: hemm network li jiffunzjona u jekk, pereżempju, is-servizzi ta' sensibilizzazzjoni jkollhom persuna li għandha problema minuri fil-kura tas-saħħa fejn l-ospitalizzazzjoni mhijiex meħtieġa, huma jqiegħdu lil din il-persuna f'kuntatt mal-uffiċċju u tiġi organizzata laqgħa, li tinvolvi medjatur kulturali.

Il-proġett huwa parzjalment iffinanzjat mill-UE, u jinvolvi l-kofinanzjament. Madankollu, l-applikazzjoni għall-fondi tal-UE hija meqjusa kumplessa ħafna u tinvolvi ħafna burokrazija, u għalhekk issir kwistjoni ta' kapaċità.

Ġeneralment, il-migranti u r-refuġjati għandhom aċċess tajjeb għas-servizzi tas-saħħa primarji.

Hemm bżonn ta' aktar sensibilizzazzjoni fost il-poplu Malti dwar kwistjonijiet ta' migranti u refuġjati.

### c. UNCHR Malta

Il-UNHCR Malta jaħdem mill-qrib mal-Gvern Malti, l-imsieħba soċjali, l-organizzazzjonijiet lokali u l-NGOs bil-għan li jinstabu soluzzjonijiet dejjiema għar-refuġjati u l-benefiċjarji tal-protezzjoni u jissaħħu l-kapaċitajiet tal-gvern u l-aġenziji msieħba. F'dawn l-aħħar snin, l-attivitajiet tal-UNHCR Malta resqu aktar lejn l-integrazzjoni, peress li Malta kienet qiegħda tiffoka aktar fuq l-integrazzjoni tal-migranti u r-refuġjati. Il-UNHCR jaħdem mill-qrib ħafna mal-gvern dwar kwistjonijiet ta' integrazzjoni u l-ewwel strateġija ta' integrazzjoni, adottata sentejn ilu.

Qed jiġu implimentati diversi proġetti ta' integrazzjoni. Pereżempju, il-proġett "Integration Priority Track" ġie żviluppat biex jipprovdi appoġġ individwali lir-refuġjati li qed jiffukaw fuq il-prospetti ta' integrazzjoni tagħhom. Dan il-proġett qed jiġi implimentat f'kooperazzjoni mal-imsieħeb operattiv tal-UNHCR, il-Jesuit Refugee Service (JRS). Il-proġett jikkonsisti fl-għoti ta' appoġġ aktar personalizzat għar-refuġjati biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tagħhom, inkluż l-aċċess għal korsijiet tal-lingwa, l-edukazzjoni terzjarja, il-ħiliet u l-impjegabbiltà, u l-intraprenditorija.

Fil-qafas tal-istrateġija ta' integrazzjoni, il-korsijiet tal-lingwa u l-korsijiet kulturali bdew fil-bidu tal-2019 u hemm domanda kbira għalihom. B'mod ġenerali, il-korsijiet jaħdmu tajjeb iżda hemm oqsma oħra fejn hemm bżonn ta' aktar żmien biex isir progress. Waħda mill-problemi hija n-nuqqas ta' informazzjoni fost il-migranti u r-refuġjati dwar proċeduri rilevanti, id-drittijiet u l-possibbiltajiet tagħhom.

Kien hemm diversi inizjattivi pożittivi b'rabta mal-edukazzjoni tal-migranti. Eżempju tajjeb huwa kors ta' induzzjoni ta' sena għat-tfal migranti biex jgħinhom jiksbu biżżejjed ħiliet lingwistiċi fil-lingwa Maltija u dik Ingliża biex jiġu integrati b'mod effettiv fl-iskola ġenerali.

Hemm inizjattivi tajbin b'rabta mal-impjieg. Is-servizz pubbliku Malti tal-impjieg Jobsplus joffri servizzi konsultattivi differenti għall-kategoriji differenti ta' migranti. Dan jipprovdi approċċ relattivament olistiku, inklużi terapija okkupazzjonali u appoġġ psikoloġiku.

Madankollu, hemm problemi kbar fil-qasam tal-impjieg. Waħda mill-kwistjonijiet hija li ħafna migranti u refuġjati jaħdmu mingħajr ebda kuntratt formali u ħafna drabi lanqas ma jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet minimi tax-xogħol, u dan joħloq abbuż u sfruttament, pereżempju fis-setturi tal-kostruzzjoni u tal-kura. Waħda mir-rakkomandazzjonijiet hija li jitjieb il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-liġijiet. Il-UNHCR jinsab ukoll f'kuntatt mat-trade unions u jfaħħar il-ħidma tagħhom. Hemm ħafna każijiet fejn it-trade unions ikunu interferixxew f'każijiet ta' ksur u dan kellu riżultati pożittivi. Madankollu, il-migranti normalment ma jkunux jafu x'inhi trade union u għaliex wieħed għandu jsir membru. Il-UNHCR jorganizza sessjonijiet ta' informazzjoni għall-migranti u r-refuġjati biex jinfurmahom dwar id-drittijiet tagħhom tax-xogħol.

Waħda mill-problemi ewlenin għall-migranti u r-refuġjati hija l-akkomodazzjoni. Il-livelli tal-faqar fost il-migranti u r-refuġjati qed jiżdiedu minħabba akkomodazzjoni mhux affordabbli. Madankollu, il-problema tal-akkomodazzjoni taffettwa wkoll lill-popolazzjoni Maltija, peress li l-prezzijiet tal-akkomodazzjoni qed jiżdiedu. Aspett wieħed huwa attitudni negattiva lejn il-migranti u r-refuġjati u s-sidien tal-proprjetà li ma jkunux jixtiequ jagħtu kuntratti ta' kiri lill-migranti.

Hemm ħafna NGOs f'Malta li jaħdmu mal-migranti u r-refuġjati, iżda ħafna minnhom għandhom ftit wisq persunal u jaħdmu fuq bażi volontarja. Dawn saħħew il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejniethom biex inaqqsu l-frammentazzjoni. Il-UNHCR Malta żviluppa kuntatti ma' diversi NGOs nazzjonali attivi fil-qasam tal-migrazzjoni u l-asil. Il-proġetti huma implimentati f'kooperazzjoni għall-benefiċċju ta' gruppi vulnerabbli bħan-nisa u t-tfal. Il-UNHCR joffri sessjonijiet ta' taħriġ għall-NGOs immexxija mir-refuġjati biex jgħinhom itejbu l-amministrazzjoni interna tal-organizzazzjonijiet tagħhom u jtejbu l-ħiliet ta' komunikazzjoni tagħhom. Il-UNHCR qed jiżviluppa mudell ta' kkowċjar individwali (one-to-one) fejn l-enfasi hija fuq il-problemi individwali ta' dawn l-NGOs.

Il-wasliet tal-migranti u r-refuġjati kienu baxxi f'Malta bejn l-2015 u l-2017 u s-sistema ta' akkoljenza nbidlet, tant li l-faċilitajiet ta' detenzjoni preċedenti b'kundizzjonijiet ħżiena ma jintużawx aktar. Il-kapaċità ta' akkoljenza b'mod ġenerali tnaqqset. Mis-sajf tal-2018 'l hawn, il-wasliet żdiedu b'mod sinifikanti u ċ-ċentri ta' detenzjoni reġgħu bdew jintużaw. L-irvellijiet f'Ottubru 2019 kienu marbuta mal-kundizzjonijiet ħżiena ħafna f'ċentri b'popolazzjoni eċċessiva. Il-kundizzjonijiet tad-detenzjoni jeħtieġ li jinbidlu. Malta għandha tkun ippreparata aħjar biex tospita lill-migranti u r-refuġjati billi jkollha aktar spazju u persunal disponibbli.

### d. Diskussjoni madwar mejda mal-NGOs

**Organizzazzjonijiet parteċipanti:** Aditus Foundation, Malta Employers' Association, Migrant Women's Association Malta, Malta Emigrants' Commission, UHM – Voice of the Workers, SOS Malta, African Media Association Malta

L-NGOs sabuha diffiċli biex jitkellmu dwar l-integrazzjoni u l-inklużjoni tal-migranti fl-isfond tal-irvellijiet reċenti fiċ-ċentri ta' akkoljenza li kkawżaw sitwazzjoni ta' tensjoni fis-soċjetà Maltija fir-rigward tal-migranti u r-refuġjati. Il-kundizzjonijiet fiċ-ċentri ta' akkoljenza huma ħżiena ħafna, b'nuqqas ta' riżorsi u persunal. Iż-żamma ta' nies fiċ-ċentri magħluqa hija inaċċettabbli. Barra minn hekk, dan jagħmel l-integrazzjoni sussegwenti diffiċli ħafna. In-narrattiva tas-soltu dwar il-migrazzjoni għandha aspett negattiv qawwi u dan jirriżulta f'attitudni ġenerali negattiva lejn il-migranti u r-refuġjati fis-soċjetà Maltija.

Waħda mill-problemi ewlenin hija l-akkomodazzjoni. M'hemmx biżżejjed djar u l-kiri tant huwa għoli li sar impossibbli li wieħed jikri appartament bħala migrant jew refuġjat. L-NGOs qed jippruvaw inaqqsu d-distakk fl-akkomodazzjoni billi joħolqu possibbiltajiet ta' akkomodazzjoni iżda qatt ma jistgħu jagħmlu biżżejjed. Hija problema usa' li teħtieġ soluzzjoni strutturata fil-livell tal-Istat. Madankollu, l-NGOs iħossu li m'hemm l-ebda rieda politika biex tissolva din il-kwistjoni.

Problema ewlenija hija li l-migranti u dawk li jfittxu l-asil ma jkollhomx biżżejjed informazzjoni. Huma ma jafux id-drittijiet u l-obbligi tagħhom, pereżempju fir-rigward tal-impjieg, u l-impjegaturi ma jafux kif jimpjegaw migrant.

F'Malta, hemm nuqqas sinifikanti ta' ħaddiema iżda l-ostakli amministrattivi jagħmluha diffiċli ħafna li jiġu impjegati l-migranti u r-refuġjati. Mill-perspettiva tal-impjegaturi, il-kwistjoni dwar kif jiġu impjegati l-migranti u r-refuġjati hija doppja: hemm impjiegi li l-migranti jistgħu jagħmlu iżda hemm ħafna ostakli biex jiġu integrati dawn il-persuni, u għalhekk ħafna migranti jispiċċaw jaħdmu fl-ekonomija sewda. Ġie enfasizzat li l-ostaklu bejn migrant u impjieg mhuwiex l-impjegatur, iżda l-proċeduri amministrattivi.

It-traffikar tal-bnedmin u l-isfruttament fis-suq tax-xogħol huma problema kbira, anke għaċ-ċittadini regolari ta' pajjiżi terzi. Ħafna minnhom jiġu b'liċenzja tal-impjieg marbuta ma' ċertu impjegatur. Dan ifisser li jekk ikun hemm problemi u l-persuna tilmenta, din tiġi mkeċċija mingħajr ma tkun tista' tibda impjieg ieħor. F'każ ta' problemi, m'hemmx metodi sikuri u effettivi biex wieħed jilmenta u n-nies jibżgħu li jitilfu xogħolhom, anke b'kuntratt legali.

Problema oħra hija l-esklużjoni tal-migranti u r-refuġjati. Ġie meqjus importanti ħafna l-fatt li l-komunikazzjoni mal-pubbliku ġenerali ssir b'mod ibbażat fuq il-fatti dwar il-kwistjonijiet marbutin mal-migrazzjoni u dwar dak li hemm involut, pereżempju t-tibdil demografiku, it-tixjiħ u l-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi li qed jevolvu.

Il-minorenni mhux akkumpanjati huma kwistjoni problematika ħafna f'Malta – id-determinazzjoni tal-età mhix qed taħdem u tieħu fit-tul, u matul dak iż-żmien il-persuni jridu jibqgħu fiċ-ċentri miftuħa fejn il-kundizzjonijiet mhumiex adatti għalihom. Ta' spiss ikunu trawmatizzati u jkollhom problemi mentali iżda ma jkun hemm l-ebda valutazzjoni tas-saħħa mentali tagħhom.

Żvilupp pożittiv ħafna huwa l-awtorizzazzjoni speċjali ta' residenza, introdotta fl-2018. Persuni li l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tagħhom tkun ġiet finalment miċħuda mill-awtoritajiet tal-asil rilevanti jistgħu jingħataw awtorizzazzjoni speċjali ta' residenza: b'din l-awtorizzazzjoni, il-persuna se tikseb permess ta' residenza għal sentejn bil-possibbiltà ta' tiġdid, aċċess għall-benefiċċji

soċjali, liċenzja tal-impjieg, aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ tal-Istat, kura medika u dokument tal-ivvjaġġar.

Hemm ħafna NGOs li jittrattaw il-kwistjonijiet tal-migranti iżda ma jarawx lilhom infushom bħala frammentati. Il-kooperazzjoni bejniethom hija relattivament stabbilita sew. L-NGOs jindikaw li l-aġenziji tal-gvern huma pjuttost frammentati.

Il-ġbir ta' fondi huwa kwistjoni diffiċli ħafna għall-NGOs. Spiss, japplikaw għall-finanzjament flimkien. Ir-rekwiżit ta' kofinanzjament biex wieħed jirċievi l-fondi huwa ostaklu kbir. Il-kooperazzjoni bejn l-NGOs immexxija mill-migranti u dawk immexxija mill-Maltin hija tajba ħafna. L-NGOs Maltin jippermettu lill-NGOs immexxija mill-migranti li jkollhom aċċess dirett għall-komunità ospitanti.

L-ostaklu ewlieni li esperjenzaw l-NGOs fil-ħidma tagħhom huwa n-nuqqas totali ta' djalogu mal-gvern. L-NGOs ippruvaw jilħqu lill-gvern biex jipproponu soluzzjonijiet. Ġie spjegat lill-membri li l-migranti jafdaw lill-NGOs iżda mhux lill-awtoritajiet tal-gvern jew lill-impjegaturi. Madankollu, il-gvern ma għamilx kuntatti mal-NGOs biex jagħmel użu minn dan fl-iżvilupp ta' strateġiji u miżuri rilevanti.

L-NGOs enfasizzaw li ma hemm l-ebda pjan reali ta' ġestjoni tal-migrazzjoni u l-asil f'Malta. L-NGOs mhumiex involuti fl-iżvilupp tal-istrateġija nazzjonali ta' integrazzjoni u ma jafux jekk ġietx implimentata. L-NGOs iħossu li kien hemm deterjorament serju fis-sistema ta' ġestjoni tal-migrazzjoni, peress li ħafna strutturi li ġew stabbiliti ġew żarmati f'dawn l-aħħar snin.
L-NGOs enfasizzaw li l-ġestjoni tal-migrazzjoni teħtieġ soluzzjoni Ewropea. L-Unjoni Ewropea trid tifhem li l-migrazzjoni qiegħda hemm u l-ġestjoni tal-migrazzjoni teħtieġ li tiġi organizzata b'mod sostenibbli u b'saħħtu.

### e. IOM Malta

L-IOM Malta qed taħdem fuq żewġ oqsma ewlenin: l-integrazzjoni u l-protezzjoni. Fil-qasam tal-integrazzjoni, qed timplimenta diversi proġetti. Pereżempju, il-proġett Tandem (Lejn Żgħażagħ Migranti Emanċipati fin-Nofsinhar tal-Ewropa) huwa proġett reġjonali implimentat fil-Kroazja, Ċipru, il-Greċja, l-Italja, Malta u Spanja u għandu fil-mira żgħażagħ migranti f'kuntesti ta' tagħlim formali u mhux formali (bħal universitajiet u assoċjazzjonijiet tal-istudenti) biex jiġu miġġielda l-preġudizzju, l-intolleranza u l-esklużjoni. Dan isir permezz ta' kampanji reġjonali u nazzjonali tal-midja soċjali, li jawtonomizzaw liż-żgħażagħ biex jiddefinixxu n-narrattiva tagħhom dwar il-migrazzjoni, ikissru l-perċezzjonijiet mhux preċiżi u jiġġieldu l-ksenofobija u l-intolleranza; u djalogi interreliġjużi biex jitrawwem fehim interreliġjuż u interkulturali fost l-istudenti u ż-żgħażagħ u jiġġieldu l-iżlamofobija u l-intolleranza.

Hemm ukoll attivitajiet speċifiċi bħat-tisħiħ tal-kapaċitajiet għas-settur privat, bħal maniġers tal-lukandi u s-settur tal-kostruzzjoni, li jinvolvu t-trade unions u l-qasam akkademiku. L-għan huwa li jiġu skambjati l-aħjar prattiki u li tinħoloq lista ta' kontroll għall-impjegatur biex jiġi żgurat li dawn jikkonformaw mar-regoli dwar ir-reklutaġġ tal-migranti.

Il-membri ġew infurmati li l-Gvern Malti qed jagħmel sforzi fil-qasam tal-integrazzjoni tal-migranti iżda huwa xogħol li għadu għaddej. L-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' integrazzjoni reċenti għadha kif bdiet. Is-sistema ta' ġestjoni tal-migrazzjoni tista' tibbenefika minn mekkaniżmu ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni mtejjeb fost il-korpi li jaħdmu fil-qasam tal-migrazzjoni. Il-koordinazzjoni u l-kondiviżjoni konsistenti tal-informazzjoni jistgħu jittejbu biex jitnaqqsu d-duplikazzjonijiet. Hemm ħafna korpi differenti li jaħdmu fil-qasam u dan iħawwad lill-migranti wkoll.

L-irvellijiet reċenti mhumiex sorpriża. Il-kundizzjonijiet fiċ-ċentri ta' detenzjoni huma ħżiena ħafna, il-frustrazzjoni hija għolja u l-persunal huma mifnija bix-xogħol. L-IOM qed tipprova tgħin biex issib soluzzjonijiet u ttejjeb is-sitwazzjoni. Il-kundizzjonijiet fiċ-ċentri ta' detenzjoni jeħtieġ li jitjiebu b'mod urġenti. L-UE tista' tgħin b'aktar taħriġ, persunal u riżorsi għat-titjib tal-infrastruttura. Fuq perjodu itwal ta' żmien, il-kunċett ta' dawn iċ-ċentri ta' akkoljenza iżolati għandu jinbidel b'tip differenti ta' akkomodazzjoni li ma tiżolax ir-refuġjati. L-akkomodazzjoni b'mod ġenerali hija problema kbira ħafna li teħtieġ li tiġi indirizzata b'mod urġenti.

Il-migranti u r-refuġjati mhumiex infurmati tajjeb dwar il-proċeduri, id-drittijiet u l-obbligi, u dan jeħtieġ li jittejjeb. In-nuqqas ta' informazzjoni jikkawża frustrazzjoni konsiderevoli. Tinħtieġ informazzjoni ta' kwalità tajba għall-integrazzjoni b'suċċess, u l-IOM qed tipprova tgħin biex tnaqqas dan id-distakk fl-informazzjoni. Jista' jsir użu akbar tal-mezzi tal-midja soċjali biex titqassam l-informazzjoni fost il-komunitajiet u l-migranti.

**f. L-Unità tal-Integrazzjoni u l-Ġlieda kontra r-Razziżmu (Direttorat tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Integrazzjoni fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza)**

L-ewwel Strateġija u Pjan ta' Azzjoni ta' Malta għall-Integrazzjoni tal-Migranti ġew adottati f'Diċembru 2017. L-Unità tal-Integrazzjoni u l-Ġlieda Kontra r-Razziżmu (IU)[2] twaqqfet fil-bidu tal-2018. Hija tieħu ħsieb l-implimentazzjoni ta' kuljum tal-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni. L-IU hija l-korp governattiv ewlieni ta' koordinazzjoni li jqassam l-informazzjoni, jirċievi t-talbiet ta' integrazzjoni u jsegwi l-progress tal-migranti fl-integrazzjoni tagħhom f'Malta. L-għan ġenerali tal-istrateġija ta' integrazzjoni huwa li l-migranti u r-refuġjati jkunu jistgħu jiżviluppaw sens ta' appartenenza f'Malta. Twaqqaf kumitat interministerjali dwar l-integrazzjoni biex jintegra kwistjonijiet ta' integrazzjoni fl-oqsma kollha ta' politika.

L-itinerarju tal-integrazzjoni jikkonsisti f'żewġ stadji. L-Istadju 1 huwa l-istadju ta' preintegrazzjoni u jinvolvi l-klassijiet tal-lingwi – il-Malti u l-Ingliż –, l-orjentazzjoni bażika kulturali u soċjetali u r-rekord u l-valutazzjoni tal-kwalifiki, is-sengħa, l-esperjenza tax-xogħol u l-ħiliet. L-għan huwa li jiġi pprovdut għarfien bażiku tal-Malti u l-Ingliż kif ukoll għarfien dwar il-Kostituzzjoni u l-Liġijiet ta' Malta, l-istruttura istituzzjonali, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, u d-drawwiet. Il-parteċipanti li jirnexxu jirċievu Ċertifikat ta' Preintegrazzjoni.

Iċ-Ċertifikat ta' Preintegrazzjoni huwa meħtieġ għar-reġistrazzjoni għall-Istadju 2. L-Istadju 2 huwa miftuħ għal persuni li bi ħsiebhom iressqu applikazzjoni għal status ta' residenza permanenti. Dan l-

[2] L-isem tal-unità fi żmien iż-żjara tal-KESE. Minn dak iż-żmien 'il hawn, l-isem inbidel għal "Unità Interkulturali u kontra r-Razziżmu".

istadju jikkonsisti f'kors dwar l-istorja u l-ambjent soċjali, ekonomiċi, kulturali u demokratiċi ta' Malta, b'attenzjoni speċifika fuq il-Kostituzzjoni, il-liġi, il-valuri demokratiċi u s-sessjonijiet prattiċi u kors avvanzat fil-Malti. L-Istadju 2 huwa organizzat f'kooperazzjoni mal-Università ta' Malta, li taħdem mal-NGOs. L-ikkompletar tal-Istadju 2 huwa l-portal għal residenza fit-tul.

Is-sistema speċjali ta' awtorizzazzjoni ta' residenza ġiet introdotta fl-2018. Dawk li l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tagħhom tkun ġiet finalment miċħuda mill-awtoritajiet tal-asil rilevanti jistgħu jingħataw awtorizzazzjoni speċjali ta' residenza: din tagħti lill-persuna permess ta' residenza għal sentejn bil-possibbiltà ta' tiġdid, aċċess għall-benefiċċji soċjali, liċenzja tal-impjieg, aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ tal-Istat, kura medika u dokument tal-ivvjaġġar.

Qed jiġu żviluppati kampanji ta' sensibilizzazzjoni li se jiġu implimentati fl-2020. L-aċċess għall-kontijiet bankarji huwa kwistjoni importanti li ġiet indirizzata. F'kooperazzjoni mal-Università ta' Malta, l-IU qed tħejji diploma ta' medjatur kulturali.

L-akkomodazzjoni hija problema ewlenija, u l-IU qed tikkoopera mal-Awtorità tad-Djar biex issib soluzzjonijiet. Hemm skema ta' sussidji u modi kif wieħed japplika għall-appoġġ iżda jeħtieġ li jsir aktar. L-akkomodazzjoni qed issir dejjem aktar problematika anke għall-persuni Maltin li għandhom impjieg. Dan l-aħħar, l-Awtorità tad-Djar ipproponiet riforma tal-kera biex issolvi din il-kwistjoni.

L-IU tirrikonoxxi li t-traffikar tal-bnedmin huwa kwistjoni ewlenija. Din għandha proċeduri speċifiċi fis-seħħ, pereżempju l-uffiċjali jitkellmu mal-klijenti tagħhom fil-privat u fejn hemm dubju, l-awtoritajiet kompetenti jiġu infurmati.

L-IU qieset li r-relazzjoni tagħha mal-NGOs hija tajba u hemm fehim reċiproku. Fejn ikun possibbli, l-unità tikkoopera mal-NGOs u hemm proġetti ppjanati li ġew żviluppati flimkien. L-unità hija limitata mil-lat ta' persunal u riżorsi, u għalhekk mhux il-proposti kollha jistgħu jiġu implimentati. L-istrutturi tal-gvern huma wiesgħa u l-kooperazzjoni u l-kuntatti jistgħu ma jkunux stabbiliti daqshekk tajjeb fl-entitajiet governattivi kollha.

Il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' migranti u refuġjati fl-UE u bejn l-Istati Membri tagħha għandha tittejjeb. Malta teħtieġ aktar appoġġ mill-UE mil-lat ta' rilokazzjoni, peress li ma tistax timmaniġġja s-sitwazzjoni waħedha. L-għadd ta' wasliet sar mhux maniġġabbli għal Malta, li rriżulta fl-avvenimenti fiċ-ċentri ta' akkoljenza.

### g. Is-Servizz Pubbliku Malti tal-Impjieg "Jobsplus" u l-Unità tal-Istudenti Migranti

Is-Servizz Pubbliku Malti tal-Impjiegi "Jobsplus" jiġi f'kuntatt mal-migranti fi tliet oqsma:

- L-Unità ta' Gwida li taħdem biss mal-migranti tħeġġeġ lill-migranti biex jattendu laqgħa individwali ma' konsulenti dwar l-impjieg bil-għan li jiġi identifikta dak li jkun nieqes mill-istatus tagħhom ta' impjegabbiltà u tgħinhom isibu impjieg permanenti. Jobsplus jista' joffri korsijiet u taħriġ.
- L-Uffiċċju ta' Senserija tal-Impjiegi għall-impjiegi temporanji li ġie stabbilit biex jindirizza l-problema tax-xogħol irregolari u l-isfruttament tal-ħaddiema. Dan l-uffiċċju huwa f'kuntatt

ma' impjegaturi li jirrikorru għall-uffiċċju meta jkunu jixtiequ jsibu ħaddiema għal perjodu qasir ta' żmien, l-aktar dak ta' ftit jiem. L-għan huwa wkoll li l-migranti jingħataw opportunità li jiksbu esperjenza ta' xogħol.
- Fir-rigward tal-liċenzji tal-impjieg. Iċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi jeħtieġu liċenzja tal-impjieg biex jaħdmu f'Malta. Jobsplus jgħin lill-migranti bil-proċeduri biex jiksbu liċenzja tal-impjieg, u jipprova jagħmel l-affarijiet faċli kemm jista' jkun. Normalment, il-liċenzja tal-impjieg tinħareġ għal impjieg speċifiku għal impjegatur speċifiku. Għall-migranti, il-liċenzja tinħareġ f'isem il-migrant u dawn jistgħu jaħdmu għal kwalunkwe impjegatur.

Meta Jobsplus beda jippjana miżuri għall-migranti, huwa kkuntattja numru ta' NGOs li jaħdmu fil-qasam tal-migrazzjoni, peress li ma kellux esperjenza mal-migranti. Twaqqaf grupp ta' ħidma li jiltaqa' darba fix-xahar. Għadd ta' migranti qed isibuha bi tqila jafdaw l-uffiċċji pubbliċi, iżda għandhom fiduċja akbar fl-NGOs. Il-konsulenti dwar l-impjieg imorru fil-bini tal-NGOs, peress li ħafna migranti ma jiħdux gost imorru fil-bini tal-gvern.

**L-Unità tal-Istudenti Migranti** twaqqfet fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Impjieg fl-2014. L-għan tagħha huwa li tiżviluppa u timplimenta struttura organizzattiva għall-għoti ta' edukazzjoni għal studenti li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni. Din taħdem fl-oqsma li ġejjin:

- Reġistrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCN). It-tfal mill-UE japplikaw direttament fl-iskejjel. It-tfal li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi japplikaw fl-Unità tal-Istudenti Migranti.
- Kors ta' induzzjoni offrut lil tfal li għadhom ma jistgħux jikkomunikaw bil-Malti jew bl-Ingliż bażiċi. L-esperjenza turi li mingħajr għarfien bażiku tal-lingwi, it-tfal joħorġu mis-sistema edukattiva qabel iż-żmien. Il-kors ta' induzzjoni huwa kors ta' sena mogħti fi skejjel u ċentri differenti. Iċ-ċentri huma skejjel li jirċievu tfal minn skejjel oħra minħabba li l-iskejjel tagħhom stess ma jkollhomx biżżejjed spazju. Ladarba t-tfal migranti jkollhom il-permess ta' residenza, dawn jistgħu jiġu rreġistrati mill-Unità u jkomplu bil-kors tal-induzzjoni. L-Unità torganizza t-trasport miż-żoni residenzjali tagħhom sal-post tal-kors tal-induzzjoni. Wara sena, dawn it-tfal jiġu inklużi fl-edukazzjoni ġenerali.
- Il-Programm LLAPSI+ b'finanzjament tal-AMIF. L-għan huwa li jiġi żviluppat approċċ olistiku għall-integrazzjoni u l-kisba tal-lingwi minn studenti migranti. Komponent wieħed tal-programm huwa r-reklutaġġ ta' ħaddiema ta' kollegament tal-komunità, li jkunu huma nfushom ċittadini ta' pajjiżi terzi. Dawn jiffurmaw pont bejn id-dar u l-iskola. Huma jipprovdu għarfien utli konsiderevoli dwar kif wieħed għandu jikkomunika mal-komunità, kif wieħed għandu jilħaq lill-ġenituri u kif jistgħu jissaħħu l-kuntatti bejn il-ġenituri u l-iskejjel. Dan ġie enfasizzat bħala prattika tajba ħafna. Il-ħaddiema ta' kollegament tal-komunità huma f'kuntatt mal-ġenituri u dan huwa importanti ħafna. Huma jispjegaw kif tiffunzjona s-sistema skolastika u d-differenzi kulturali, u jfittxu modi kif l-iskola, il-ġenituri u l-komunitajiet jistgħu jaħdmu aħjar għall-benefiċċju tat-tfal.

Hemm korsijiet organizzati f'kooperazzjoni mal-Università ta' Malta, offruti lill-għalliema biex jgħinuhom jittrattaw tfal ta' nazzjonalitajiet u kuntesti kulturali differenti. Ġew implimentati wkoll għadd ta' inizjattivi għas-sajf, fosthom programm ta' wara l-iskola għall-migranti u l-Maltin fi skejjel differenti kullimkien f'Malta. Jiġi pprovdut kors tal-lingwa intensiv fis-sajf għat-tfal li qed jitħabtu mal-lingwa biex jagħti spinta lill-għarfien tagħhom u jiżgura li ma jinsewx l-Ingliż u l-Malti matul is-

sajf. Din hija prattika ta' suċċess kbir. Jiġu organizzati kampanji ta' sensibilizzazzjoni kemm għall-għalliema kif ukoll għat-tfal.

### h. EASO

Matul din l-aħħar sena, ir-rwol tal-EASO kien qed jikber b'rata mgħaġġla ħafna, u se jinbidel f'aġenzija tal-asil. Il-persunal tal-EASO jassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tas-sistema komuni tal-asil. Huma jipprovdu taħriġ, jassistu fil-proċess tar-reġistrazzjoni, jipprovdu informazzjoni lil migranti li jkunu għadhom kif waslu, u huma responsabbli biex isibu pajjiżi fejn ikunu jistgħu jiġu rilokati r-refuġjati. L-EASO jipprovdi appoġġ operattiv lill-Istati Membri bi ħtiġijiet speċifiċi u lill-Istati Membri li s-sistemi tal-asil u l-akkoljenza tagħhom huma taħt pressjoni partikolari. Huwa jagħti input ibbażat fuq l-evidenza għat-tfassil tal-politika u l-leġislazzjoni tal-UE fl-oqsma kollha li għandhom impatt dirett jew indirett fuq l-asil.

Il-Pjan Operattiv ta' Malta huwa l-iżgħar operazzjoni tal-EASO u beda f'Settembru 2019. L-għadd tal-wasliet qed jikber b'mod sinifikanti u Malta mhix kapaċi timmaniġġja s-sitwazzjoni waħedha. L-EASO għandu l-għan li jgħin biex tittaffa l-pressjoni fuq is-sistema Maltija tal-asil. Fuq talba tal-awtoritajiet Maltin, l-EASO jagħti assistenza mfassla apposta, inkluż l-għoti ta' appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-ġestjoni ta' xogħol b'lura, għarfien espert tekniku u għodod ta' kontroll tal-kwalità. L-għan huwa li jiġi żgurat li l-persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali f'Malta jkollhom aċċess għall-proċedura ta' determinazzjoni tal-protezzjoni internazzjonali u li l-proċedura ta' prim'istanza tiġi konkluża malajr kemm jista' jkun. L-EASO jgħin f'Malta billi jagħti informazzjoni u jħaffef ir-reġistrazzjoni.

## 4. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

Malta hija pajjiż relattivament ġdid għall-migrazzjoni u għadha qed tadatta għall-wasla u l-integrazzjoni ta' migranti ġodda. Għaldaqstant, il-ġestjoni tal-integrazzjoni tal-migranti għandha storja qasira f'Malta. Fiż-żjara preċedenti tal-KESE, Malta ma kellha l-ebda politika ta' integrazzjoni li tiffunzjona u l-integrazzjoni ma kinitx organizzata strutturalment.

Minn dak iż-żmien 'l hawn, Malta ħadet passi biex toħloq struttura ta' governanza tal-integrazzjoni. Hija adottat l-ewwel Strateġija u Pjan ta' Azzjoni għall-Integrazzjoni tal-Migranti fl-2017 u stabbiliet Unità tal-Integrazzjoni u l-Ġlieda Kontra r-Razziżmu bħala l-korp ewlieni ta' koordinazzjoni tal-gvern li jieħu ħsieb l-implimentazzjoni ta' kuljum tal-istrateġija. Madankollu, il-governanza tal-integrazzjoni f'Malta hija ħidma li għadha għaddejja u teħtieġ iż-żmien u sforz biex issir kompletament funzjonali.

Ġie introdott itinerarju tal-integrazzjoni, li jikkonsisti f'żewġ stadji: stadju ta' Preintegrazzjoni li jinvolvi l-klassijiet tal-Malti u l-Ingliż, l-orjentazzjoni bażika kulturali u soċjetali u r-rekord u l-valutazzjoni tal-kwalifiki, is-sengħa, l-esperjenza tax-xogħol u l-ħiliet. Il-parteċipanti li jirnexxu jirċievu Ċertifikat ta' Preintegrazzjoni li huwa meħtieġ biex jirreġistraw għall-Istadju 2, li huwa miftuħ għal dawk li beħsiebhom iressqu applikazzjoni għal status ta' residenza permanenti. Dan jikkonsisti f'kors dwar l-istorja u l-ambjent soċjali, ekonomiċi, kulturali u demokratiċi ta' Malta, b'attenzjoni speċifika fuq il-Kostituzzjoni, il-liġi, il-valuri demokratiċi u s-sessjonijiet prattiċi, kif ukoll kors avvanzat fil-Malti. L-ikkompletar tal-Istadju 2 huwa l-portal għal residenza fit-tul.

Prattika tajba hija kors ta' induzzjoni offrut lil tfal migranti ta' età tal-iskola primarja li ma jistgħux jikkomunikaw bil-Malti jew bl-Ingliż bażiċi. Dan il-kors ta' sena għandu l-għan li jipprepara lit-tfal migranti għall-edukazzjoni ġenerali. Fl-2019, il-kors ta' induzzjoni nbeda għal tfal ta' età tal-iskola sekondarja peress li l-għadd tagħhom qed jikber.

L-Uffiċċju ta' Kollegament tas-Saħħa tal-Migranti fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa jipprovdi sessjonijiet ta' edukazzjoni dwar is-saħħa għall-migranti, prinċipalment dwar suġġetti bħas-saħħa sesswali u riproduttiva, in-nutrizzjoni u s-saħħa tat-tfal. Jiġu pprovduti sessjonijiet speċjali għall-minorenni mhux akkumpanjati. Wieħed mill-għanijiet huwa li jkun hemm sensibilizzazzjoni dwar kif jiġi evitat li persuna ssir vittma tat-traffikar tal-bnedmin. Hemm programm ta' taħriġ għall-medjaturi kulturali fil-kura tas-saħħa biex jipprovdu servizz ta' medjazzjoni kulturali fiċ-ċentri tas-saħħa. L-aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa għall-migranti u r-refuġjati huwa ġeneralment tajjeb f'Malta.

F'Malta, hemm nuqqas ta' ħaddiema. L-impjegaturi huma interessati li jimpjegaw lill-migranti u r-refuġjati iżda n-nuqqas ta' informazzjoni u l-ostakli amministrattivi jagħmluha diffiċli. Sabiex tingħata spinta lill-integrazzjoni tal-migranti u r-refuġjati fis-suq tax-xogħol, jeħtieġ li tiġi stabbilita struttura għall-identifikazzjoni tal-ħiliet tagħhom, li tipprovdi informazzjoni trasparenti u komprensiva aċċessibbli għall-impjegaturi u proċeduri amministrattivi ċari.

It-traffikar tal-bnedmin u l-isfruttament fis-suq tax-xogħol huma problema serja f'Malta. L-Istat irrikonoxxa s-severità tal-problema, iżda l-KESE jħeġġu jieħu azzjoni immedjata biex jelimina dan il-fenomenu.

Ħafna migranti u refuġjati jiġu b'liċenzja tal-impjieg marbuta ma' ċertu impjegatur. Dan ifisser li jekk il-persuna tilmenta f'każ ta' problemi, din tista' titkeċċa mingħajr ma tkun tista' tibda impjieg ieħor. M'hemmx metodi sikuri u effettivi biex wieħed jilmenta u n-nies jibżgħu li jitilfu xogħolhom, anke b'kuntratt legali. Il-KESE jisħaq li l-impjegaturi u t-trade unions għandhom ikunu involuti fid-djalogu soċjali biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-integrazzjoni tal-ħaddiema migranti fis-suq tax-xogħol u jiġi żgurat li d-drittijiet kollha tagħhom jiġu rispettati, inkluż ambjent tax-xogħol b'saħħtu u sikur.

Is-servizz pubbliku Malti tal-impjieg Jobsplus nieda inizjattivi biex tittejjeb l-integrazzjoni tal-migranti u r-refuġjati fis-suq tax-xogħol. Permezz tal-konsulenti tiegħu dwar l-impjieg, huwa jipprovdi konsulenza fuq bażi individwali lill-migranti. Huwa stabbilixxa l-Uffiċċju ta' Senserija tal-Impjiegi għall-impjiegi temporanji biex jindirizza l-problema tax-xogħol irregolari u l-isfruttament tal-ħaddiema u qed jgħin lill-migranti bil-proċeduri biex jiksbu liċenzja tal-impjieg. L-għan huwa li l-liċenzji tal-impjieg għall-migranti jsiru irħas, aktar faċli biex jinkisbu u aktar miftuħa. Normalment, il-liċenzja tal-impjieg tinħareġ għal impjieg speċifiku ma' impjegatur speċifiku. Bħala prattika ġdida, il-liċenzja għall-migranti tinħareġ f'isem il-migrant u dawn jistgħu jaħdmu għal kwalunkwe impjegatur.

Waħda mill-problemi ewlenin għall-migranti u r-refuġjati f'Malta hija l-akkomodazzjoni. Il-livelli tal-faqar fost il-migranti u r-refuġjati qed jiżdiedu minħabba akkomodazzjoni mhux affordabbli. Madankollu, l-akkomodazzjoni qed issir dejjem aktar problematika anke għall-persuni Maltin li għandhom impjieg, billi l-prezzijiet qed jiżdiedu. L-NGOs qed jippruvaw itaffu l-problema tal-akkomodazzjoni billi joħolqu possibbiltajiet ta' akkomodazzjoni iżda m'għandhomx il-kapaċità li jimlew il-vojt. Il-KESE jirrakkomanda bil-qawwa li tittieħed azzjoni urġenti biex tinstab soluzzjoni

strutturata għall-problema tal-akkomodazzjoni u biex tittaffa s-sitwazzjoni għall-migranti u r-refuġjati kif ukoll għall-poplu Malti.

Kwistjoni problematika ħafna għall-migranti u r-refuġjati hija n-nuqqas ta' informazzjoni dwar il-proċeduri rilevanti, id-drittijiet u l-possibbiltajiet tagħhom, l-aċċess għas-suq tax-xogħol, eċċ. L-aċċess għal informazzjoni ta' kwalità tajba huwa kruċjali għal integrazzjoni b'suċċess u jeħtieġ li jittejjeb. Pereżempju, jista' jsir użu akbar tal-mezzi tal-midja soċjali biex titqassam l-informazzjoni fost il-komunitajiet u l-migranti.

Problema oħra ewlenija f'Malta hija l-esklużjoni tal-migranti u r-refuġjati. Il-migranti u l-popolazzjoni lokali jgħixu f'dinjiet paralleli mingħajr kuntatt reali. Il-KESE jirrakkomanda li jiżdiedu l-isforzi biex ikun hemm sensibilizzazzjoni fost il-poplu Malti dwar il-kwistjonijiet tal-migranti u r-refuġjati biex dawn jiġu infurmati b'mod ibbażat fuq il-fatti dwar il-kwistjonijiet marbuta mal-migrazzjoni u dwar dak li hemm involut, pereżempju t-tibdil demografiku, it-tixjiħ, u l-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi li qed jevolvu. Il-KESE jirrakkomanda li jitfasslu miżuri ta' integrazzjoni b'mod li jkunu ta' benefiċċju għall-popolazzjoni lokali kif ukoll sabiex jiġu evitati tensjonijiet bejn il-popolazzjoni ospitanti u l-migranti ġodda. Barra minn hekk, dan jiffaċilita l-kuntatti man-nies, li jnaqqsu l-livell ta' nuqqas ta' fiduċja u ta' animożità li ta' spiss jidhru f'soċjetajiet li jilqgħu lil dawk li jkunu għadhom kemm waslu fil-qalba tagħhom.

Hemm ħafna NGOs li jaħdmu fuq kwistjonijiet ta' migranti f'Malta. Huma għamlu sforzi biex inaqqsu l-frammentazzjoni u jħossu li jaħdmu tajjeb flimkien. L-ostaklu ewlieni li esperjenzaw l-NGOs fil-ħidma tagħhom huwa n-nuqqas ta' djalogu mal-gvern. L-NGOs huma kritiċi tal-fatt li filwaqt li l-gvern jinvolvi ruħu direttament mal-migranti, l-involviment tal-NGOs huwa importanti peress li l-migranti jistgħu ma jkunux dejjem f'pożizzjoni li jkunu onesti mal-gvern kif ukoll kritiċi tiegħu. Il-migranti għandhom it-tendenza li jafdaw lill-NGOs aktar mill-awtoritajiet tal-gvern jew l-impjegaturi. Il-KESE jirrakkomanda li l-gvern jagħmel kuntatti ma-NGOs biex jagħmel użu minn dan fl-iżvilupp ta' strateġiji u miżuri rilevanti. Eżempju pożittiv hawnhekk huwa l-Jobsplus, li kkuntattja numru ta' NGOs li jaħdmu fil-qasam tal-migrazzjoni meta beda jippjana miżuri għall-migranti, peress li rrikonoxxa li ma kellux l-esperjenza u l-kuntatti meħtieġa hu stess.

Il-korpi governattivi li ltqajna magħhom matul iż-żjara sostnew li huma jikkooperaw ma' xi NGOs iżda rreferew għall-pajsaġġ frammentat tal-NGOs bħala fattur li jikkumplika l-affarijiet. L-organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom kooperazzjoni stabbilita sew kemm mal-NGOs kif ukoll mal-korpi governattivi.

Il-KESE jirrakkomanda li jiżdiedu l-isforzi biex tinkiseb kooperazzjoni aktar strutturata bejn l-NGOs u l-awtoritajiet tal-gvern biex jinħolqu sinerġiji u jsir użu aħjar tal-għarfien u r-riżorsi disponibbli fuq iż-żewġ naħat. Dan jgħin biex jiġi żgurat li l-attivitajiet ta' integrazzjoni jkunu effiċjenti u jkunu ta' benefiċċju għall-migranti u r-refuġjati bl-aqwa mod possibbli.

Il-KESE jisħaq li Malta teħtieġ b'mod urġenti li ttejjeb il-kapaċità ta' akkoljenza u l-kundizzjonijiet ħżiena tagħha f'ċentri ta' akkoljenza b'popolazzjoni eċċessiva sabiex tiżgura li d-drittijiet tal-bniedem jiġu rispettati. Il-KESE jħeġġeġ lill-UE tipprovdi aktar għajnuna fir-rigward tat-taħriġ, il-persunal u r-riżorsi sabiex jitjiebu l-infrastrutturi ta' akkoljenza.

L-UE teħtieġ b'mod urġenti li tavvanza s-sistemi tagħha ta' ġestjoni tal-migrazzjoni u għandha twaqqaf sistema ta' rilokazzjoni fil-livell tal-UE li tkun soda u funzjonali biex titnaqqas il-pressjoni fuq Malta u fuq Stati Membri oħra tal-ewwel linja.

_____________

Kumitat Ekonomiku
u Soċjali Ewropew

Rue Belliard/Belliardstraat 99
1040 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Persuna inkarigata mill-pubblikazzjoni: Unità taż-Żjajjar u l-Pubblikazzjonijiet
EESC-2020-84-MT

**www.eesc.europa.eu**

© L-Unjoni Ewropea, 2020
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.
Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' ritratt / grafika, il-permess għandu jintalab direttament mid-detentur tad-drittijiet tal-awtur.

*Print*
QE-02-20-614-MT-C
ISBN 978-92-830-4965-4
doi:10.2864/855998

*Online*
QE-02-20-614-MT-N
ISBN 978-92-830-4966-1
doi:10.2864/087959

MT